

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/881**tat-18 ta' Ġunju 2018**

li titlob lill-Kummissjoni tippreżenta studju dwar l-opzjonijiet tal-Unjoni biex tindirizza l-konklużjonijiet tal-Kumitat għall-Konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus fil-kawża ACCC/C/2008/32 u, jekk adatt fid-dawl tar-riżultati tal-istudju, propożta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1367/2006

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 241 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-paragrafu 10 tiegħu rigward l-applikazzjoni tal-Artikoli 225 u 241 TFUE,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Frar 2005, il-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni tal-pubbliku fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali ⁽²⁾ ("il-Konvenzjoni ta' Aarhus") ġiet approvata, fisem il-Komunità Ewropea, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE ⁽³⁾. Il-Konvenzjoni ta' Aarhus tikkontribwixxi għall-oġġettivi tal-politika ambjentali tal-Unjoni, kif stabbiliti fl-Artikolu 191 TFUE.
- (2) L-Unjoni implimentat l-obbligi tal-Konvenzjoni ta' Aarhus fir-rigward tal-istituzzjonijiet u l-korpi tagħha, b'mod partikolari permezz tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾.
- (3) Konformement man-natura mingħajr konfrontazzjoni, mhux ġurisdizzjonali u konsultattiva tas-sistema tal-eżami ta' konformità prevista fl-Artikolu 15 ta' Konvenzjoni ta' Aarhus, ġie stabbilit il-Kumitat għall-Konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus ("il-Kumitat"). Il-Kumitat għandu l-kompetenza li jeżamina l-konformità tal-Partijiet mal-Konvenzjoni ta' Aarhus.
- (4) Fis-17 ta' Marzu 2017, l-Unjoni rċeviet il-konklużjonijiet tal-Kumitat fil-kawża ACCC/C/2008/32 dwar l-aċċess għall-ġustizzja fil-livell tal-Unjoni ("il-konklużjonijiet"). Fil-paragrafu 123 tal-konklużjonijiet, il-Kumitat ikkonkluda li "l-Parti kkonċernata tonqos milli tikkonforma mal-Artikolu 9, il-paragrafi 3 u 4, tal-Konvenzjoni fir-rigward tal-aċċess għall-ġustizzja mill-membri tal-pubbliku minħabba li la r-Regolament ta' Aarhus u lanqas il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ma timplimenta jew tikkonforma mal-obbligi previsti f'dawk il-paragrafi". Abbażi tal-konklużjonijiet, l-Uffiċċju tal-Konvenzjoni ta' Aarhus ħejja abbozz ta' deċiżjoni VI/8f dwar il-konformità tal-Unjoni Ewropea mal-obbligi tagħha taħt il-Konvenzjoni ("abbozz ta' deċiżjoni VI/8f").
- (5) Fis-17 ta' Lulju 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2017/1346 ⁽⁵⁾ dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fis-sitt sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Aarhus ("LtP") rigward l-abbozz ta' deċiżjoni VI/8f. Il-pożizzjoni tal-Unjoni kienet li taċċetta l-abbozz ta' deċiżjoni VI/8f soġġett għal numru ta' emendi għalih.
- (6) Fl-14 ta' Settembru 2017, fis-sitt sessjoni tal-LtP li saret f'Budva, il-Montenegro, il-LtP iddiskutiet, fost oħrajn, l-abbozz ta' deċiżjoni VI/8f iżda ma qablitx mal-proposti tal-Unjoni li din tiġi emendata b'mod konformi mad-Deċiżjoni (UE) 2017/1346. Fin-nuqqas ta' ftehim, il-LtP iddeċidiet li tipposponi d-diskussjoni dwar dan l-abbozz ta' Deċiżjoni sas-sessjoni ordinarja li jmiss tagħha fl-2021.
- (7) Id-Dikjarazzjoni ta' Budva dwar id-Demokrazija Ambjentali għall-Ġejjieni Sostenibbli Tagħna, adottata wkoll mil-LtP fl-14 ta' Settembru 2017, tappella lill-Partijiet u l-firmatarji tal-Konvenzjoni ta' Aarhus biex jipprovdu aċċess effettiv u ndaqs għall-ġustizzja għal kulħadd b'mod konformi mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

⁽¹⁾ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 124, 17.5.2005, p. 4.

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE tas-17 ta' Frar 2005 dwar il-konklużjoni, fisem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali (ĠU L 124, 17.5.2005, p. 1).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-diżposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (ĠU L 264, 25.9.2006, p. 13).

⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1346 tas-17 ta' Lulju 2017 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fis-sitt sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Aarhus rigward il-kawża ta' konformità ACCC/C/2008/32 (ĠU L 186, 19.7.2017, p. 15).

- (8) Fil-15 u s-16 ta' Novembru 2017 rispettivament, il-Parlament Ewropew adotta Riżoluzzjoni dwar Pjan ta' Azzjoni għan-natura, in-nies u l-ekonomija, u Riżoluzzjoni dwar l-Analiżi tal-Implimentazzjoni Ambjentali (EIR) tal-UE li t-tnejn li huma jitolbu, fost oħrajn, lill-Kummissjoni tippreżenta leġislattiva ġdida li tirrevedi r-Regolament (KE) Nru 1367/2006, sabiex titqies ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat dwar il-kawża ACCC/C/2008/32.
- (9) Fis-sitt sessjoni tal-LtP, l-Unjoni esprimiet il-volontà tagħha li tesplora modi u mezzi biex tikkonforma mal-Konvenzjoni ta' Aarhus b'mod li jkun kompatibbli mal-prinċipji fundamentali tal-ordni ġuridiku tal-UE u mas-sistema tagħha ta' sħarriġ ġudizzjarju. Jenħtieġ li l-Unjoni tieħu passi konkreti f'dik id-direzzjoni, billi titlob lill-Kummissjoni tippreżenta studju dwar l-opzjonijiet tal-Unjoni biex tindirizza l-konklużjonijiet tal-Kumitat fil-kawża ACCC/C/2008/32. Jidher li hu possibbli li r-Regolament (KE) Nru 1367/2006 jiġi emendat b'mod li s-sistema tal-Unjoni ta' sħarriġ ġudizzjarju ma tinbidilx, b'mod partikolari billi titwessa' l-kategorija tal-atti tal-Unjoni li tista' tintalab reviżjoni interna għalihom.
- (10) L-Unjoni tkompli tappoġġa b'mod sħiħ l-oġettivi importanti tal-Konvenzjoni ta' Aarhus,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-Kunsill jitlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta, sat-30 ta' Settembru 2019, studju dwar l-opzjonijiet tal-Unjoni biex tindirizza l-konklużjonijiet tal-Kumitat għall-Konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus fil-kawża ACCC/C/2008/32 ("l-istudju") biex tesplora l-modi u l-mezzi kif tkun konformi mal-Konvenzjoni ta' Aarhus b'mod li huwa kompatibbli mal-prinċipji fundamentali tal-ordni ġuridiku tal-Unjoni u mas-sistema tagħha ta' sħarriġ ġudizzjarju.
2. L-istudju għandu jkopri l-implikazzjonijiet legali, finanzjarji u fuq ir-riżorsi umani tal-opzjonijiet differenti, inkluż l-emenda tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006.

Artikolu 2

1. Il-Kunsill jitlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta, sat-30 ta' Settembru 2020, jekk ikun adatt fid-dawl tar-riżultati tal-istudju, proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1367/2006, jew inkella tinforma lill-Kunsill dwar miżuri oħra li jkunu neċessarji bħala segwitu għall-istudju.
2. F'konformità mal-prassi normali, il-Kunsill jitlob lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-proposta tkun akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-18 ta' Ġunju 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

R. PORODZANOV